FONTANA

Minuti tad-disa` laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 9 ta` Novembru 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

<u>Korrispondenza</u>

Il-Kummissjoni Armar Festi Esterni tal-Qalb ta` Ġesu' kitbu l-Kunsill fejn urew il-ħsieb li jżejnu quddiem il-Knisja Parrokkjali għall-festi tal-Milied bil-għan illi tingħata dehra isbaħ tal-lokal. Il-Kummissjoni talbet għajnuna finanzjarja għal dan il-għan. Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn Christian Gauci f`isem il-Kummissjoni fejn qallu li jixtiequ jarmaw għall-Milied u qed jitolbu madwar Lm200. Is-Sindku qallu biex jikteb lill-Kunsill. Il-Viċi-Sindku qabel illi tingħata s-somma ta` Lm200. Il-Kunsill qabel b`mod unanimu. Is-Sindku ssuġġerixxa illi tiġi mżejna ukoll il-parti tat-triq ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ta` Castel Viscardo, s-Sur Massimo Tiracorrendo, bagħat *e-mail* lill-Kunsill fejn infurmah li l-Kunsill tiegħu jixtieq ikompli bil-ġemellaġġ. F`din l-inizjattiva huma nteressati wkoll l-*Associazione Industriali di Terni.* Sabiex iseħħ dan il-proċess il-Kunsill ġie mitlub sabiex jiltaqa` mal-Kunsill tal-Fontana.

*One Productions Ltd.* bagħat korrispondenza dwar dokumentarju ta` 140 minuta bl-isem "Il-Feniċi". Il-Kunsill qabel illi jixtri dan id-dokumentarju bil-verżjoni Maltija għall-prezz ta` Lm5.00,0.

Dr. Marthese Portelli mid-*Datatrak* bagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar il-ħruġ tal-*parking permits* fil-Fontana. Id-*Datatrak* ma tistax tibqa` tibgħat dawn il-permessi mingħajr ma tirċievi l-ħlas mingħand il-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali sabiex jiċċekkja jekk il-Kunsill jistax jipprintja l-permessi hu.

Is-Sinjura Ina Zammit bagħtet ir-rapport u l-*financial statements* li jagħlqu fil-31 ta` Marzu 2005 tal-Kumitat Konġunt Għawdex.

It-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet rapport sabiex jimtela` mill-Kunsill rigward applikazzjoni ta` *reserved parking* tas-Sinjura Maria Antonia Sultana ta` 22, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill Lokali Fontana ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan il-parkeġġ.

Is-Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħat korrispondenza bis-suġġett "Kors U3E f`Għawdex 2005-2006".
Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar l-Uffiċċju Reġjonali u proposta ta` attivita kollettiva bejn il-Kunsilli Għawdxin. Is-Sur Formosa ssuġġerixxa li kull Kunsill jorganizza attivita' għal 14 il-*weekend* konsekuttiv fix-xhur tax-xitwa. L-iskop ta` dawn l-attivitajiet huwa biex fix-xhur tax-xitwa tattira t-turiżmu Malti u anke dak barrani fix-xhur li fihom it-turiżmu f`Għawdex ikun batut.
Dwar iċ-Ċelebrazzjoni ta` Tifkira, s-Sur Formosa offra li jordna l-kuruni sabiex jitpoġġew mis-Sindki mal-monument ta` Kristu Re. Il-Kunsill qabel.
Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja ta` korrispondenza li ntbagħtet lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni ta` proprjeta 190/191 fi Triq tal-Għajn, Fontana.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.
Il-MEPA bagħtet diversi avviżi t`infurzar fi Triq tal-Għajn, Triq Wied Siekel u fl-*area* tax-Xagħri.
Il-MEPA bagħtet korrispondenza dwar l-applikazzjonijiet tal-permessi ta` l-Iżvilupp. Jekk il-Kunsill ma jikkummentax fi żmien tletin ġurnata jfisser li jkun qed jaqbel.
Inqrat Ċirkulari AKL 67/2005 dwar *Terms of Reference for Residents Parking Schemes*.
Inqrat Ċirkulari AKL 68/2005 dwar *CLGF Roundtable Meeting*, Sliema, Malta 26th October 2005.
Inqrat Ċirkulari AKL 69/2005 dwar *The Malta Standards Authorities is targeting you for a FREE Training opportunity*.
Inqrat Ċirkulari AKL 70/2005 dwar *Commonwealth People`s Forum* (CPF).
Inqrat Ċirkulari AKL 71/2005 dwar Ftehim dwar *Bus Shelters*.
Inqrat Ċirkulari AKL 72/2005 dwar Influenza tat-tjur *(avian influenza)*.
Inqrat Ċirkulari AKL 73/2005 dwar Ġemellaġġ mal-Kunsill ta` Barranain f`Navarrese, Spanja.
Inqrat Ċirkulari AKL 74/2005 dwar Laqgħa għas-Sindki – Xlokk 2005 il-Ġimgħa, 9 u s-Sibt 10 ta` Diċembru 2005 *Le Meridien Phoenicia, The Mall* Floriana.
Inqrat Ċirkulari AKL 75/2005 dwar *SISA Fidelity Card*.
Inqrat Memo 22/2005 dwar Proċedura riveduta dwar Tħassir, Irtirar u Korrezzjoni ta` Avviżi ta` Kontravvenzjoni.
Inqrat Memo 23/2005 dwar Konferenza tal-Kapijiet tal-Gvernijiet tal-Pajjiżi tal-*Commonwealth*.
Inqrat Memo 24/2005 dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 14174. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat ir-risposta għal din il-Memo.

<u>Mistoqsijiet</u>

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Lorry Apap kif hemm żewġ *parking bays loading/unloading* fil-pjanta li għamel dwar kif għandha tissolva l-problema tat-traffiku ta` Triq tal-Għajn bejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Qalb ta` Ġesu', fejn fir-realta' hemm tliet ħwienet. Huwa staqsa lill-Kunsillier Apap xi jfisser bil-kelma edukazzjoni f`dan ir-rigward. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi għandhom jinġabu l-Gwardjani Lokali sabiex jedukaw lil dawk li jiġu biex jipparkjaw f`dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal ukoll li dwar ir-ritratti ppreżentati f`isem is-Sur Vincent Farrugia dwar vetturi quddiem il-*garage* tiegħu ma

jista jsir xejn, ħlief li s-Sur Farrugia jċempel lill-Gwardjani Lokali biex jittieħdu l-passi meħtieġa. Dan diġa ġie magħruf lilu meta attenda għall-laqgħa annwali fil-Kunsill preċedenti. Dan ġie konfermat mill-Perit Testaferrata de Noto peress li ma jistgħux isiru sinjali tat-traffiku quddiem il-bieb tal-garaxx. Il-Kunsilliera Maria Schembri astjeniet peress li għandha nteress.

Jum il-Fontana

L-attivita' ta` 'Jum il-Fontana 2005' ser issir nhar il-Ħamis, l-1 ta` Diċembru. Ser issir quddiesa konċelebrata mill-Kappillan Dun George Bezzina u wara attivita' fiċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku ssuġġerixxa li jibda jiġi mdaħħal it-talent mill-Fontana u għaldaqstant għandu jiġi mqabbad Mro. Joseph Grech tal-*Gozo Youth Wind Band & Orchestra* sabiex jieħu ħsieb jipprepara siltiet mużikali għall-programm li jittella' fiċ-Ċentru. Dan għar-raġuni li erba` żgħażagħ mill-Fontana jagħmlu parti minn din l-orkestra. F`każ li Mro. Grech ma jkunx jista għandu jiġi kkuntattjat Mro. Carmel P. Grech. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sinjura Maria Farrugia sabiex tagħmilha ta` *compere* u lis-Sur Anġlu Micallef għall-*P.A. System,* ir-ritratti lil *Cordina PhotoMarket* u l-programm/stedina jiġi pprintjat għand *B.C.D. Printing Ltd.* Is-Sindku ssuġġerixxa li t-tfajla Francesca Sciberras tkanta żewġ kanzunetti mir-ripertorju tagħha bħala talent mill-lokal. Il-Kunsill qabel. Ġie deċiż fuq proposta tas-Sindku li f`din l-okkażżjoni tingħata tifkira lis-Sinjorina Lucienne Attard bħala *Miss Gozo* 2005/2006 u premju lis-Sur Anton Cassar bħala l-Imprenditur u l-Artiġjan fil-Komunita'. Għal din l-okkażżjoni għandha titqiegħed kuruna mis-Sindku mal-monument tas-sajjieda. Fl-attivita' taċ-Ċentru għandhom jiġu mqassma l-premijiet tar-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet. Il-Kunsill qabel illi l-komponimenti tal-kompetizzjoni għandhom jiġu ġġudikati mill-aħwa Galea filwaqt li dawk tal-pittura għandhom jiġu ġġudikati mis-Sur Toni Mizzi. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jixtri l-premijiet għal dawn ir-rebbieħa. Il-Kunsill qabel illi bħala premju għall-Imprenditur u l-Artiġjan fil-Komunita' għandu jinxtara plakka tal-fidda filwaqt li għal *Miss Gozo* għandu jinxtara plattin tal-fidda. Wara l-programm ser isir riċeviment mis-Sur Portelli. Fl-okkażżjoni ta` 'Jum il-Fontana' s-Sindku ssuġġerixxa li ssir l-inawgurazzjoni tal-*Website*. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill għadda għan-nominazzjonijiet għall-premju tat-trofew "Ġieħ il-Fontana". Is-Sindku nnomina lill-Arċipriet Emeritus Mons. Luigi Vella, lil Vigarju Parrokkjali Rev. George Vella u lil Rev. Saviour Tabone bħala rikonoxximent tas-servizz kontinwu li jagħtu fil-parroċċa u d-dedikazzjoni li għandhom. Peress li ma kienx hemm nominazzjonijiet oħra kien hemm qbil unanimu li dawn it-tliet membri tal-kleru jingħataw dan il-premju flimkien ma` midalja kull wieħed.

Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *The Limestone Heritage* | Lm | 26.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm | 17.00,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *Water Services Corporation* | Lm | 8.69,0 |
| *Office Needs* | Lm | 116.00,0 |
| *Video-On-Line Limited* | Lm | 11.80,0 |
| *OS3* | Lm | 500.00,0 |
| *The Guard & Warden Service House Ltd.* | Lm | 13.60,0 |
| *Sound & Vision* | Lm | 9.00,0 |
| *Gozo Tourism Association* | Lm | 25.00,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 12.53,0 |
| Anthony Said | Lm | 9.44,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 30.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 591.50,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm | 68.44,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| Joseph Muscat | Lm | 65.00,0 |
| Jenise Grech | Lm | 83.24,0 |
| *B. Grima & Sons Ltd.* | Lm | 70.80,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 89.44,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| *Office Equipment* | Lm | 73.19,0 |
| Mark Bajada | Lm | 123.00,0 |
| Total | Lm | 2074.11,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 07/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>

Is-Sur Georges Andre li huwa residenti fix-Xlendi kiteb lill-Kunsill fejn issuġġerixxa illi l-parti fi Triq tal-Għajn bejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Qalb ta` Gesu' ssir *one-way*. Dan peress li f`din il-parti hemm tliet ħwienet u ħafna nies jiġu u jipparkjaw għal ftit il-vetturi tagħhom.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi għadda ż-żmien li kien bi prova għall-ftuħ tal-latrini pubbliċi qabel il-ħin stipulat fil-kuntratt. Il-Kunsill qabel illi s-Sinjura Grech għandha tiġi nfurmata sabiex b`effett mis-16 ta` Novembru 2005 il-latrina terġa' tibda tinfetaħ fil-ħin stipulat fl-offerta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jikteb lis-Sur Anthony Mercieca sabiex javżah illi ser jittieħdu passi peress li qed jiġi nnotat li xi drabi l-iskart qed jinġabar b`minorenni. Il-Kunsill qabel illi mhux ser jittollera dan l-aġir. Is-Sur Mercieca għandu jiġi nfurmat ukoll sabiex għall-ebda raġuni m`għandu jħalli boroż ta` skart warajh.

L-Enġinier Renzo Curmi ta` *Galea Curmi Engineering Consultants* ippreżenta lill-Kunsill id-disinn flimkien ma` stima għas-sistema ġdida ta` dawl fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Huwa ppreżenta wkoll l-i*specifications* għal din l-offerta. Il-Kunsill qabel illi l-Enġinier Curmi jimmarka fejn ser jiġu l-fanali sabiex ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati s-sidien tad-djar fejn ser jeħlu l-fanali.
Il-Kunsill qabel illi jipprintja mill-ġdid il-*cards* fl-okkażżjoni tat-twelid ta` tarbija u fl-okkażżjoni tal-mewt ta` xi persuna mill-lokalita'. Il-Kunsill qabel illi jipprintja 100 *card* minn kull waħda għand il-*Gozo Press Ltd.*
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġabet iż-żewġ kotba kulturali li ngħataw mill-Ministeru tal-Finanzi.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv imlew kwestjonarju dwar l-*EU Programme – Equal - Inactive Persons.*
Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi dwar il-permess tal-MEPA nru. 00786/05 dwar il-kostruzzjoni tat-taraġ fi Triq ta` Mulejja, l-Kunsill jikteb lill-MEPA sabiex mal-permess joħroġ li jrid jitnaddaf it-terrapien waqt li jkun isir ix-xogħol tat-taraġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija ċċekjat mal-MEPA dwar il-multa tal-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar ta` l-*street furniture* fi Pjazza l-Għejjun. Il-multa ta` Lm150 trid titħallas. Il-Kunsill qabel illi jħallas din il-multa u jinqalgħu l-arloġġ u l-fanal li m`għandhomx il-permessi meħtieġa. Irid wkoll jinstab post fejn ser jerġgħu jitwaħħlu.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nbena l-ħajt mil-ġdid min Joe Muscat li waqa' bil-maltemp fil-bidu tal-Wied tax-Xlendi u ġie mkaħħal minn Mark Bajada.
Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa fil-Kunsill ta' l-Għarb dwar il-proġett *'Equal'*, dan biex iħeġġeġ aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol.
Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li s-Sindku ħa sehem f'erba' programmi tar-*Radio Sacro Cuore* tal-paroċċa dwar il-Kunsill Lokali. Dan sar darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Tnejn fid-9.00 ta' filgħodu.
Intbagħtet ukoll l-informazzjoni mħejjija mis-Sindku dwar l-attivitajiet kulturali li kellhom isiru fil-Fontana f'Novembru u Diċembru lill-*magazine 'The Cirlce'.*
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-palm ta' Triq ta` Mulejja ġie miżbur, kif ukoll twettaq l-ilment li kien hemm dwar rampa fi Triq San Martin, ta' Mark Borg fi Triq Għajn Tuta u ta' Rosita Buttigieg fi Triq ta` Mulejja. Tiswija ta' *retaining wall* fl-istess triq u saru t-tappieri tal-armar tal-festa fuq iz-zuntier.
Sar ukoll l-ilment ta' Toni Farrugia fi Triq tal-Għajn, ta' Ġuzeppa Portelli fl-istess triq u l-ilment ta' Josephine Galea fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Ġie mnaddaf ukoll ix-xelter li hemm fi Pjazza l-Għejun. Dan ix-xogħol sar kollu minn Mark Bajada.
Saret il-ħarġa għal Malta fil-25 t'Ottubru għall-anzjani fejn attendew 47 persuna. Żorna s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fejn kellna quddiesa u wara żorna l-mużew tas-Santwarju. Wara morna t-Torri ta' San Luċjan fejn hemm iċ-Ċentru ta' l-Akwakultura f'Marsaxlokk. Wara komplejna biż-żjara fil-*'Limestone Heritage'* fis-Siġġiewi fejn l-anzjani ġew offruti kafe u *snack* mil-Kunsill. Wara żorna l-Girgenti fl-istess raħal u spiċċajna l-mawra f'Malta fejn l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli.
F'Ottubru wkoll is-Sindku, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew attivita' f'Buġibba li fiha pparteċipat is-Sinjorina Lucienne Attard mil-Fontana li hija r-rebbieħa ta' *Miss Gozo* għas-sena 2005/2006. F'din l-okkażżjoni s-Sindku ppreżenta tifkira ta' l-okkażżjoni sponsorjata mill-Kunsill.
Is-Sindku nforma lil Kunsill li saret żjara fix-xelter ta' ħdejn l-Għejjun mar-rappreżentant ta' Din l-Art Ħelwa f'Għawdex, is-Sur Frank Borg. Huwa qal li ser iressaq it-talba tal-Kunsill biex din l-għaqda tisponsorja s-sistema tad-dawl li hemm bżonn issir f'dan ix-xelter.
Is-Sindku nforma lil Kunsill li twaħħlet it-tabella dwar il-ħmieġ tal-klieb fi Sqaq ta' Bieb il-Għajn u hemm talba biex l-oħra titwaħħal fil-bidu ta' Triq il-Qalb ta' Gesu'. Il-Kunsill qabel.

Hemm ukoll talba biex isiru sinjali sofor fil-kantuniera tan-naħa ta' fuq ta' Triq Wied Siekel peress li l-vetturi mhux qed ikunu jistgħu jgħaddu. Il-Kunsill qabel li jibgħat din it-talba għal approvazzjoni tal-A.D.T.

Hemm rapport li fi Triq il-Qalb ta' Ġesu hemm pressa baxxa ta' ilma. Il-Kunsill qabel li jgħaddi dan l-ilment lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma.

Ġew miżbugħa wkoll is-sinjali tat-traffiku fl-art fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, u l-kelma Mġarr ftit l-isfel mil-Uffiċċju tal-Kunsill, biex tindika li biex tmur għall-Imġarr wieħed irid jgħaddi min Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Is-Sindku qal illi nxtraw żewġ mirja waħda għal quddiem Trejqet ix-Xagħri u oħra għall-ilment li hemm fi Triq il-Qalb ta' Ġesu mingħand il-*Koptasin*.

Dwar il-ħsara li kienet saret fil-proġett ta' Pjazza l-Għejun reġa' ġie avviċinat is-Sur Brian Borg li hu responsabbli mit-Taqsima tad-Drenaġġ fil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma.

Is-Sindku qal li attenda għal laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali dwar il-*green wardens*. Is-Sindku ta spjegazzjoni tas-sistema l-ġdida u qal li trid issir ir-rotta. Il-Kunsill qabel li ssir mal-Fontana kollha, l-akbar enfażi tkun minn Pjazza Tomba sa ħdejn l-Għejjun. Il-Kunsill qabel ukoll li l-multi jiġu ppubblikati fil-fuljett.

Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-Għajn ta` Bendu nfetħet.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret żjara fi Triq is-Sajjieda mal-Perit John Saliba dwar l-ittra mibgħuta minn Dr. Anton Refalo f`isem Anthony u Theresa Spiteri li joqgħod f`din it-triq. Il-Perit għandu jagħmel rapport lill-Kunsill.

Is-Sindku qal li hemm bżonn isir iż-żbir tal-*Playing Field*. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lil Anthony Said biex isir dan ix-xogħol. Dan għandu jiġi kkuntattjat mis-Sindku.

Dwar it-tindif tal-*Playing Field* u t-tisqija tal-qsari madwar il-Fontana, s-Sindku offra li jkompli jagħmlu hu sakemm ikollna l-ħaddiema.

Ġiet mtellgħa l-i*stand* mill-Kunsill fil-Fiera tat-Turiżmu u l-Ivvjaġġar organizzata mill-GTA. Il-Kunsill ser iħallas l-ammont ta` Lm25 għall-parteċipazzjoni tiegħu.

Dwar ir-riabilitazzjoni ta` Wied Siekel ser issir żjara fuq il-post ma` żewġ rappreżentanti tal-MEPA minn Malta biex naraw x`jista jsir. Din il-laqgħa ġiet irranġata min Annalise Falzon P.R.O. tan-*Nature Trust*.

Dwar il- *Website* tal-Kunsill, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet approvata mill-awtoritajiet. Huwa qal ukoll li ser jieħu ħsieb li tiġi aġġornata bin-*news* li jkollu l-Kunsill u jieħu ħsieb li jkompli jiżdied aktar it-tagħrif fiha, eżempju dwar in-niċeċ tal-lokal, gallariji antiki, dwar il-festa tar-raħal, etc.

Is-Sindku ppropona li l-ewwel ħarġa tal-fuljett ta` tagħrif mill-Kunsill toħroġ fl-okkażżjoni tal-Milied, fejn minbarra li l-Kunsill jagħti x-xewqat tiegħu għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena, jsiru diversi avviżi li jkun hemm bżonn, kif ukoll x`wettaq dan il-Kunsill s`issa. Mons. Albert Curmi ser jibda jikteb sensiela dwar it-Triq tal-Għajn tal-Imgħoddi. Il-Kunsill qabel li jiġbor kwotazzjonijiet għal 400 kopja bil-kulur u tingħata lil min ikun l-irħas. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa oħra soċjo-kulturali f`Malta fl-okkażżjoni taċ-CHOGM u tal-Festi Ċentinarji fl-okkażżjoni tal-Festa ta` Santa Katerina. Huwa għandu jħejji l-programm. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ppropona wkoll lill-Kunsill biex issir l-applikazzjoni lill-MEPA biex isir it-tindif tal-Wied tax-Xlendi, li huwa fil-konfini tal-Fontana. Dan għar-raġuni li sallum il-Kunsill tal-Munxar ma bgħatx il-*method statement* kif mitlub mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li jqabbad lill-Perit John Saliba biex japplika.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mal-ADT li kienet rappreżentata mill-Perit A. Testaferrata u Edwin Balzan. Attenda wkoll il-Kunsillier Lorry Apap. Dwar it-talba biex issir *zebra crossing* ħdejn l-Għejjun ma tistax tintlaqa` peress li m`hemmx bankini. Hija

talbet lill-Kunsill biex iressaq din it-talba dwar il-bankina lill-Ministeru għal Għawdex biex issir waqt li jkun qed isir il-bini mill-ġdid ta` Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill għandu jikteb lid-Direttur dwar dan. Dwar l-ilment l-ieħor biex issir bankina ftit il-fuq minn Pjazza l-Għejjun l-ADT qalet li l-Kunsill irid jagħmel *digital survey* b`Perit u jintbagħat lill-ADT. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lill-Perit Saliba.
Dwar il-*parking bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili dawn ġew approvati basta jsiru skond il-*policy* stabbilita. Dwar Triq il-Qalb ta` Ġesu' dawn ma ġewx approvati. Il-proposta biex isir sinjal isfar biex ma jipparkjawx vetturi fi Triq Għajn Tuta mitlub mir-residenti għal quddiem id-djar tagħhom ma ġietx approvata.
Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li ġew avviċinati mis-Sinjura Agnes Farrugia ta` Sqaq Fuq il-Lunzjata fejn irtirat it-talba li kienet għamlet għall-bozza fl-istess Sqaq.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat illi ser tattendi għat-*training* tas-*Sage* li ser jingħata mill-I.T.S.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 28 ta` Diċembru 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |